**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 236**

It-Tnejn, 29 ta' April 2024

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.02 p.m.

Id-Deputy Speaker l-Onor. David Agius ippreseda.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Anton Refalo u l-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal l-Onor. Michael Falzon, is-Segretarju Parlamentari għall-Indafa Pubblika l-Onor. Glenn Bedingfield, l-Onor. Graziella Attard Previ*, l-Onor. Abigail Camilleri u l-Onor. Graziella Galea kienu skużati.

~~L-Onor. Graziella Attard Previ~~*, l-Onor. Alex Borg, l-Onor. Aaron Farrugia u l-Onor. Stephen Spiteri kienu assenti.

** Vide Minuti tas-Seduta 238 – 06.05.2024*

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 235 li saret fl-24 ta' April 2024 kienu kkonfermati.

**KUNSENS GĦALL-ATTI**

Id-Deputy Speaker informa lill-Kamra li l-President ta' Malta għoġobha tagħti l-Kunsens tagħha għal:

- Att XV tal-2024 – Att tal-2024 li jemenda l-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

Id-Deputy Speaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3601 Rapport tal-parteċipazzjoni tal-Onor. Rebekah Borg fil-Konferenza Interparlamentari dwar l-Ekonomija Ċirkolari, li nżammet fi Brussell, bejn is-17 u t-18 ta' Marzu 2024.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 17469 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali l-Onor. Owen Bonnici qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3602 Rapport annwali ta' Heritage Malta għas-sena 2023;

P.L. 3603 Rapport annwali u stqarrijiet finanzjarji konsolidati ta' Heritage Malta għas-sena 2023;

P.L. 3604 Estimi finanzjarji ta' Heritage Malta għas-sena 2024;

P.L. 3605 Rapport annwali tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għas-sena 2023;

P.L. 3606 Stqarrijiet finanzjarji awditjati tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għas-sena 2023;

P.L. 3607 Estimi finanzjarji tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għas-sena 2024;

f'isem il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3608 Informazzjoni dwar tobba assenjati lill-bord li jiċċertifika persuni li japplikaw għall-pensjoni tal-invalidità għas-snin bejn l-2014 u l-2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18201;

f'isem il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3609 Tabella li turi tagħrif dwar in-nefqa fuq artikli u opinjonijiet fuq online portals mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar fil-perjodu bejn Jannar u April 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17882;

f'isem il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, u x-Xogħol qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3610 Avviż Legali Nru 104 tal-2024 – Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Istandards ta' Proċedura għall-Għoti u l-Irtirar tal-Protezzjoni Internazzjonali;

f'isem il-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3611 Tabella li turi tagħrif dwar in-nefqa fuq artikli u opinjonijiet fuq online portals mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika fil-perjodu bejn Jannar u Marzu 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17884;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3612 Tabella li turi tagħrif dwar in-nefqa fuq artikli u opinjonijiet fuq online portals mid-dekasteru li għalih hi responsabbli l-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir fil-perjodu bejn Jannar u Marzu 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17885;

P.L. 3613 Tabella li turi analiżi tal-kampjuni tal-ilma tal-pjan maqsuma skont il-lokalitajiet għall-perjodu Lulju-Diċembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18687;

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3614 Avviż Legali Nru 103 tal-2024 – Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet għal Korsijiet ta' Tagħlim Tul il-Ħajja;

f'isem il-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3615 Pjanta li turi l-art tal-Gvern fiż-Żurrieq li taqa' fiż-żona li għaliha hemm l-applikazzjoni PC/68/22, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18715;

f'isem il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3616 Tagħrif dwar siti f'Malta li huma kklassifikati taħt ir-regolamenti tal-Control of Major Accident Hazards (COMAH) Regulations, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18716; u

f'isem il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3617 Avviż Legali Nru 102 tal-2024 – Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema mir-Riskji relatati mal-Espożizzjoni għall-Carcinogens jew Mutagens fuq il-Post tax-Xogħol;

P.L. 3618 Skeda tas-servizzi fil-Klinika tal-Komunità ta' Ħ'Attard, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18749.

P.L. 3619 Skeda tas-servizzi fil-Klinika tal-Komunità ta' Ħad-Dingli, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18750.

Il-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi l-Onor. Silvio Schembri qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3620 Tabella li turi tagħrif dwar in-nefqa fuq artikli u opinjonijiet fuq online portals mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi fil-perjodu bejn Jannar u April 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17880.

Il-Ministru għall-Finanzi l-Onor. Clyde Caruana qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3621 Lista ta' laqgħat tal-Unjoni Ewropea li l-Ministru għall-Finanzi attenda u ser jattendi fil-perjodu bejn Jannar u Ġunju 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18532.

**KUMITATI PERMANENTI**

Id-Deputy Speaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, li kienet se tinżamm it-Tlieta, 30 ta' April 2024, l-Onor. Davina Sammut Hili u l-Onor. Omar Farrugia se jkunu qed jissostitwixxu lill-Onor. Amanda Spiteri Grech u l-Onor Andy Ellul rispettivament.

Il-President tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi Aġġunt, l-Onor. Carmelo Abela, irrapporta li l-Abbozz Nru 90 - Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent - kien għadda mill-istadju ta' Kumitat b'emendi.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. RIŻOLUZZJONI DWAR IR-RATIFIKA TAL-KONVENZJONIJIET U L-PROTOKOLLI TAL-UNESCO U L-UNIDROIT - MOZZJONI NRU 242**

Il-Kamra rriżumiet mill-24 ta' April 2024 id-diskussjoni dwar Riżoluzzjoni dwar ir-Ratifika tal-Konvenzjonijiet u l-Protokolli tal-UNESCO u l-UNIDROIT.

Fil-5.14 p.m., id-diskussjoni kienet interrotta għal ftit mumenti sakemm il-Whip tal-Gvern tivverbalizza ftehim.

**FTEHIM TAL-KAMRA**

Il-Whip tal-Gvern, l-Onor. Naomi Cachia, informat lill-Kamra li skont ftehim milħuq, il-Kamra kellha tgħaddi għat-tieni item tal-aġenda, ċjoè, l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji, liema diskussjoni kellha tiġi interrotta wara l-ewwel kelliem sabiex tingħalaq id-diskussjoni fuq l-ewwel item tal-aġenda, ċjoè, Riżoluzzjoni dwar ir-Ratifika tal-Konvenzjonijiet u l-Protokolli tal-UNESCO u l-UNIDROIT - Mozzjoni Nru 242. Hekk kif tingħalaq id-diskussjoni fuq l-ewwel item, il-Kamra kellha tirriżumi bid-diskussjoni fuq it-tieni item tal-aġenda.

Il-Whip tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Robert Cutajar, ikkonferma dan il-ftehim.

**2. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-KUMPANIJI – ABBOZZ NRU 96**

Il-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi, l-Onor. Silvio Schembri, ippropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar Kumpaniji, Kap. 386".

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Skont il-ftehim milħuq iktar kmieni, il-Kamra reġgħet għaddiet għall-ewwel item fuq l-aġenda.

**1. RIŻOLUZZJONI DWAR IR-RATIFIKA TAL-KONVENZJONIJIET U L-PROTOKOLLI TAL-UNESCO U L-UNIDROIT - MOZZJONI NRU 242 - KONTINWAZZJONI**

Il-Kamra rriżumiet id-diskussjoni dwar Riżoluzzjoni dwar ir-Ratifika tal-Konvenzjonijiet u l-Protokolli tal-UNESCO u l-UNIDROIT.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. Darren Carabott u l-Onor. Owen Bonnici.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**2. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-KUMPANIJI – ABBOZZ NRU 96 – KONTINWAZZJONI**

Il-Kamra rriżumiet minn ftit tal-mumenti qabel id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Silvio Schembri u l-Onor. Jerome Caruana Cilia.

Fis-6.25 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.

**KUMITATI PERMANENTI**

Bil-permess tal-Kamra d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, Ugwaljanza, ir-Riformi u Djalogu Soċjali, President tal-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, l-Onor. Chris Fearne, irrapporta li fil-laqgħa tal-15 ta' April 2024, l-istess Kumitat għadda b'mod unanimu riżoluzzjoni dwar trasferiment ta' art lil Suncrest Hotels plc u lil Marsaskala Aquatic Sports Club; u qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3622 Kopja ta' abbozz ta' kuntratt bejn SportMalta u Marsaskala Aquatic Sports Club dwar trasferiment ta' art f'Marsaskala; u

P.L. 3623 Kopja ta' abbozz ta' kuntratt ta' enfitewsi temporanja bejn il-Gvern ta' Malta u Suncrest Hotels p.l.c. dwar trasferiment ta' proprjetà fil-Qawra limiti ta' San Pawl il-Baħar, abbozz ta' kuntratt ta' kumpens għall-okkupazzjoni, 2 pjanti tas-sit fil-Qawra u 2 pjanti tal-Lido fil-Qawra u taż-żona pedestrinata għall-aċċess mill-pubbliku u valutazzjoni tal-artijiet suġġetti għall-enfitewsi.

**INFORMAZZJONI LILL-KAMRA**

Il-Whip tal-Gvern, l-Onor. Naomi Cachia, informat lill-Kamra li minħabba impenji marbuta mal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-kunsilli lokali skedati għat-8 ta' Ġunju 2024, il-ħsieb tal-Gvern kien li wara s-seduta ta' nhar l-Erbgħa, 8 ta' Mejju 2024, il-Parlament kellu jaġġorna għal nhar it-Tnejn, 10 ta' Ġunju 2024.

Il-Whip tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Robert Cutajar, irriżerva d-dritt li jagħti r-reazzjoni tal-Oppożizzjoni għal dan l-arranġament fi stadju ulterjuri.

Fis-6.28 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-Aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

l-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, l-Onor. Jo Etienne Abela, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tlieta, 30 ta' April 2024, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali | Tielet Qari |

----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi fuq Azzjoni dwar il-Klima | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati | Kumitat Permanenti |

Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja — Kumitat Permanenti

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern, mill-Onor. Jo Etienne Abela.

Fis-6.57 p.m. id-Deputy Speaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 30 ta’ April 2024, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**